

# Il-Qniepen tagħna fid-diżastri u dwejjaq oħra



**Guido Lanfranco**

Qniepen kbar u żgħar, ta' l-idejn u tal-kampnari ilhom il-mijiet ta' snin jintużaw biex iħabbru, jsejħu, jfakkru, jnaffru, jferrħu u jnikktu lill-Maltin u barranin fil-gżejjer tagħna, mhux biss mill-knejjes imma wkoll fit-toroq, djar, skejjel u istituzzjonijiet ta' kull xorta, kif ukoll fuq il-baħar. F'din il-kitba maħniex se nittrattaw dwar qniepen li jinstemgħu fil-merħba, fil-ferħ u okkażjonijiet speċjali u lanqas f'meta jdoqqu fi żmien ta' assedju, gwerra, tilwim, delitti, politka, protesti, imwiet u funerali, għax ikollna nimlew volum. Sejrin nieħdu biss xi drabi meta l-qniepen daħlu f'diżastri u nkwiet ieħor.

## Fil-qawwa tan-natura

Sa nofs is-seklu għoxrin kien għad hemm knejjes li jdoqqu meta jagħmel maltemp bir-ragħad u s-sajjetti, ħaġa li osservawha wkoll il-barranin fostna. Kienu jaħsbu li bid-daqq tal-qniepen iwaqqfu t-tempesti, effett ta' superstizzjonijiet li jqabblu okkażjonijiet bħal dawn max-xitan u li l-qniepen kellhom setgħat supernaturali. Fl-1939 Ħal-Tarxien kienu xrtraw qanpiena jisimha Santa Margerita minn Sannat. Parti mill-iskrizzjoni li hemm fuqha tgħid *nimbus fugo*, jiġifieri li tkeċċi 'l maltemp, minbarra li għandha miktub ukoll li ssejjaħ lill-poplu, tiġbor lill-kleru, tfaħħar 'l Alla, tibki 'l mejtin u żżejjen il-festi.

Il-qniepen kienu jdoqqu wkoll meta jinqala' riħ qawwi li jaħraq l-uċuħ tar-raba', jkisser is-siġar u jwaqqa' l-frott. Anton Buttiġieġ kien kiteb dwar Għawdex u qal li jekk ma jdoqqux kien ikun hemm min igerger u jgħid: "Mank idoqq farka biex jieqaf dan ir-riħ!" Kienu jindaqqu għal xi siegħa jew sagħtejn mis-sagristan mgħejun minn xi tfal.

Fuq il-galeri ta' l-Ordni ta' San Ġwann, meta kien jagħmel ċpar perikoluż, kienu jieħdu ħafna prekawzjonijiet b'diversi sinjali. Fosthom sparar ta' kanuni, torċi mixgħulin u wkoll daqq ta' tnabar. Imma kellhom qanpiena fil-poppa li jddoqquha fit-tul u spiss.

Kienet drawwa sas-seklu dsatax li meta jkun hemm xi theżżiża ta' terremot kienu jdoqqu l-qniepen biex in-nies joħorġu mid-dar u jmorru jistkennu fil-knejjes. Hekk għamlu darba minnhom fl-1880 u billi ma kien ġara xejn ħsara kien hemm min qal li r-ruħ tajba Dun Alfred Gatt, meta dakinhar kellu seba' snin, kien qal lil tal-familja li ma kienx hemm għalfejn joħorġu u jmorru fil-knisja għax ma kien se jiġri xejn.

Filgħodu kmieni tat-28 ta' Diċembru 1908 f'Malta inħass terremot qawwi. Dak kien it-terremot li qered Messina u Reggio Calabria fi Sqallija u li fih mietu xi 150 elf ruħ. Kienu marru tobba minn Malta u oħrajn biex jgħinuhom. Il-knejjes ma kienux daqqew qniepen imma jingħad li t-terremot stess daqq il-qniepen bit-theżżiż u bl-iskossi.

## Qniepen u ħsarat

Diversi qniepen ma rnexxilhomx iwaqqfu l-irjieħ u s-sajjetti, anzi ġralhom bil-maqlub. Fost oħrajn, fl-1757 tromba qawwija f'maltempata għamlet straġi fost il-galeri ta' l-Ordni fil-port, ħsara u tkissir fuq l-art, u saħansitra xi kien hemm xi mwiet. Il-qniepen ta't-torri ta' l-arloġġ ta' l-infermerija tqaċċtu minn posthom u nstabu f'xi bitħa fil-qrib. Fl-1898 sajjetta laqtet il-qanpiena tas-santwarju tal-Qala; is-sena ta' wara għamlu waħda ġdida bil-bronż riċiklat mill-imkissra. F'Maltempata fl-1979 sajjetta laqtet il-kampnar tal-knisja ta' San Ġakbu ta' Ħal Luqa.

F.Sannat kienet saret qanpiena kbira ta' tnax-il qantar imma l-kampnar ma felaħx għaliha u beda jixxaqqaq. Għalhekk fl-1787 ħattewh u bnewh mill-ġdid aktar qawwi u reġgħu tellgħu il-qanpiena. Każ simili kien ġara meta fl-1745 kienu ħattew il-kampnar tal-knisja tal-Karmelitani ta' L-Imdina għax kien imxaqqaq, u bnewh mill-ġdid. Jingħad li għalkemm il-ħsarat setgħu saru bit-theżżiż tat-terremoti, seta' kien ukoll il-piż tal-qanpiena ta' mitejn wiżna li kien hemm fih.

Fl-1716 il-qanpiena ta' wiżintejn tal-knisja tas-Salvatur ta' L-Imdina waqgħet u xxaqqet. Għalhekk dewbuha u rriċiklawha f'oħra akbar. Fil-festa ta' Korpus tal-1965, waqt il-mota ta' nofsinhar fil-parroċċa Tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar l-ilsien tal-qanpiena l-kbira mqatgħetlu ċ-ċinga u waqa' għal fuq iz-zuntier. Ma korra ħadd, imma kieku kien għadu ż-żmien ta' ftit qabel, meta l-proċessjoni kienet issir filgħodu, kien ikorri xi ħadd.

Il-qanpiena l-kbira tl-knisja ta' San Filep, f'Ħaż-Żebbuġ kienu ġabuha minn Ġenova fl-1750 imma wara ftit iġġenġlet u ma baqgħetx tinstema' ddoq bħal qabel

għalhekk kellhom jeħduha tissewwa f'funderija lokali fejn wara' ġiet ukoll konsagrata. Fil-viżta pastorali fl-Imġarr ta' Malta, fil-knisja ta' Santa Marija ta' dak iż-żmien kien hemm qanpiena imma mhux f'postha għax kienet imkissra; il-viżitatur ordna li tiġi msewwija.

## Fl-epidemji

F'Ottubru ta' l-1765 erba' galeri ta' L-Ordni kellhom fuqhom epidemja ta' deni. Lill-morda poġġewhom fuq galera waħda u ħaduhom kwarantina f'Lazzarett. Ma kienetx il-pesta u ħadd ma kien jaf sewwa x'kienet imma n-nies bdew jippanikjaw. Ngħatat ordni biex jekk imut xi wieħed ta' l-Ordni ma jindaqqux il-qniepen bħas-soltu biex ma jallarmawx lill-poplu. Imma wara ftit jiem il-kunsill tas-saħħa annunzja li l-marda ma kienetx kontaġġuża.

Fil-pesta l-kbira tal-1676 mietu mal 11,300 ruħ. Għal xi żmien il-qniepen ma kinux jindaqqu, imma meta miet bil-pesta l-kappilan ta' l-Isla Franċesco Azzopardi daqqew il-qanpiena l-kbira waqt li ġarrewh fuq il-katalett lejn ix-xtajta biex jeħduh għad-difna.

Fil-pesta ta' l-1813-14 kienu saru ħafna devozzjonijiet bil-pellegrinaġġi, statwi, funzjonijiet u attivitajiet oħra, imma ttieħdu ħafna prekawzjonijiet. Laqgħat u komunikazzjoni ġew projbiti, il-knejjes ngħalqu u l-isqof iddispensa lin-nies milli jmorru l-quddies. Imma l-qniepen bdew jagħtu sinjali x'ħin toħroġ quddiesa u meta kellu jibda xi talb. Mat-tokki n-nies kienu jieqfu biex jgħidu t-talb jew jgħiduh waqt ix-xogħol. Fir-Rabat ta' Malta, bħala eżempju nsemmu li l-qniepen tal-Kattidral u ta' San Pawl kienu jdoqqu fis-sitta ta' filgħodu biex in-nies joħorġu jixtru, u fl-għaxra biex kulħadd jerġa lura. Kienu jagħtu wieħed u għoxrin tokk kull darba biex jingħarfu minn dawk ta' nofsinhar u ta' l-Avemarija.

Fl-1814 il-pesta daħlet ix-Xagħra f'Għawdex u dan ir-raħal ġie mdawwar mis-suldati biex ħadd ma joħroġ jew jidħol. Il-patrijiet Franġiskani Konventwali tar-Rabat tellgħu l-istatwa ta' Sant' Antnin ta' Padova fil-kampnar tal-knisja u għamluha tħares lejn ix-Xagħra waqt li daqqew il-qniepen kollha tar-Rabat. Il-qniepen reġgħu daqqew ukoll, din id-darba ferrieħa, meta ġie ddikjarat li l-pesta kienet waqfet. Meta f'Settembru spiċċat uffiċjalment il-pesta, ix-Xagħrin iddeċidew li jibnu niċċa tal-Madonna tal-Ħniena f'Għajn Lukin fil-limiti tar-raħal bil-wegħda li jżommu dejjem lampa taż-żejt tixgħel quddiemha. Beda jieħu ħsieb iż-żejt wieħed nieqes mis-smigħ u mutu, għalhekk, biex in-nies ikunu jafu li se jgħaddi jiġbor kien idoqq qanpiena. Din l-istess qanpiena kienet tintuża wkoll biex tfal li jtemtmu jew b'xi nuqqas ieħor fil-kliem jixorbu ftit ilma mbierek minnha, l-aktar jekk ikun l-Għid ta' l-Imwiet u matul Novembru. Ix-xarba mill-qanpiena kienet issir ukoll fi bnadi oħra f'Malta u Għawdex mill-Qanpiena ta' l-Erwieħ li kienet tindaqq minn min kien joħroġ jiġbor għall-quddies ta' l-erwieħ.

Fi tmiem din il-pesta, il-Maltin għamlu wegħda ta' tridu u pellegrinaġġ solenni. Dan beda fl-14 ta' Settembru bl-Espożizzjoni, mużika u illuminazzjoni. F'dan it-tridu, fil-pellegrinaġġ ġarrew l-istatwa u r-relikwa ta' San Pawl tal-Belt lejn il-knisja tas' San Publju waqt id-daqq kontinwu tal-qniepen u tiri ta' salut mill-fortizzi.

## Fin-nirien

Fl-1532, ftit wara li l-Ordni ta' San Ġwann ġiet Malta, qabad iħeġġeġ in-nar fil-knisja ta' San Lawrenz li huma kienu bdew jużaw bħala l-knisja konventwali tagħhom. Kien fl-ewwel ta' April, it-Tnejn wara l-Għid il-Kbir id-djaknu ħalla l-blandun mixgħul fil-gallarija ta' l-orgni, beda jaqbad is-saqaf baxx ta' l-injam, sakemm l-inċendju nfirex ma' kullimkien u qered kollox ħlief l-inkwatru tal-Madonna ta' Filermos. Meta beda jaqbad in-nar in-nies bdew idoqqu l-qniepen bħala alarm għall-għajnuna. Fl-1804 beda inċendju fis-sagristija tal-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ. Wieħed raġel beda jdoqq il-qniepen għall-għajnuna u kulħadd beda jġib u jixħet l-ilma biex jikkontrollaw in-nirien. Fil-25 ta' Mejju 1873 it-Teatru Rjal inħaraq f'inċendju kbir. It-Tnejn filgħaxija, fuq ordni ta' l-arċisqof, tkanta t-*Te Deum* fil-knejjes kolla waqt id-daqq kontinwu tal-qniepen bħala ringrazzjament għall-ħelsien minn-nar. Fis-6 ta' Marzu 1966 qabad in-nar fil-kamra tas-sagristan tal-knisja ta' l-Għasri. Xi nies xammew il-ħruq u bdew idoqqu l-qniepen għall-għajnuna.

## Fi dwejjaq ieħor

Il-qniepen kienu nvoluti wkoll f'diversi inċidenti u okkażjonijiet oħra li, għalkemm mhux ta' importanza speċjali jew nazzjonali, xorta juru kemm il-qniepen daħlu kullimkien fil-ħajja tal-Maltin.

Il-knisja konventwali ta' l-Ordni ta' San Ġwann għall-ewwel kienet se tinbena fl-inħawi fejn inbniet il-knisja ta' San Nikola (Ta' l-Erwieħ) li fil-bidu kienet tal-Griegi tar-rit orjentali. Imma kienet se tkun wisq qrib l-infermerija jew l-isptar ta' l-Ordni (issa Dar il-Mediterran) u d-daqq ta' spiss tal-qniepen kien se jdejjaq lill-morda għalhekk, b'kuntratt tal-1573, bidlu l-art mal-Griegi li kienu se jibnu tagħhom fejn issa hemm ta' San Ġwann. Id-daqq tal-qniepen kontinu jidher li kien idejjaq lil diversi nies. Fl-1923, Maestro Cardenio Botti li kien qed jidderiġi l-banda fis-sede tas-Soċjetà Filarmonika ta' La Valette tal-Belt, kien fitt u malajr jdejquh ħafna affarijiet, imma darba qabad u telaq f'nofs xogħol għax dejquh il-qniepen idoqqu fil-festa ta' San Pawl. Edward Lear li kien pinġa ħafna akkwarelli f'Malta u magħruf vjaġġatur li kien jikteb limerikki, taqbiliet u ċajt, f'ittra tiegħu minn Malta lil wieħed ħabib tiegħu fl-1862, gerger xi ftit u qal li jiskanta kif il-qassisin jaħsbu li d-daqq kontinwu tal-

qniepen jagħti xi pjaċir lil Alla. Fl-1963 f'Malta kienet twaqqfet għaqda, *Noise Aabatement Society* bl-iskop li tagħmel kampanja kontra l-isparar tal-murtali u tad-daqq eċċessiv tal-qniepen. Imma wara ftit żmien ma smajniex ħosshom aktar.

Fi żmien il-ħakma ta' l-Ordni s-superstizzjonijiet u l-maġija, sforz ta' nuqqas ta' edukazzjoni, kienu komuni kullimkien kif wieħed jara fil-ħafna rapporti ta'l-inkwiżitur. Imma l-eżorċismu kien ukoll prattikat minn xi reliġjużi. Kienu jsiru diversi riti u ċerimonji ta' eżorċiżmu li, fost affarijiet oħra kienu jinvolvu d-daqq tal-qniepen tal-knisja.

Mal-qasam tal-MUSEUM tal-Birgu kien hemm imdendla qanpiena biex issejjaħ lit-tfal għad-duttrina. Kienu jdaħħluha ġewwa bil-lejl biex ma tinsteraqx għax kienet wisq qrib kerreja. Imma kien hemm min jgħid li jismagħha ddoqq waħedha, u Dun Ġorġ Preca kien tal-parir li jingħad talb speċjali għall-erwieħ.

Nistgħu insemmu qanpiena oħra li, għalkemm ċkejkna, kienet taqdi lil xi uħud fi kriżi. Bħal f'kull żmien ieħor, fi żmien l-Ordni wkoll kien hemm każi fejn kienu jabbandunaw xi tarbija tat-twelid.

L-isptarijiet ta' l-Ordni fil-Belt, u ta' Santu Spirtu fir-Rabat kellhom ir-rota, bħal niċċa fil-ħajt tat-triq bi speċi ta'ġirandola li fiha, bil-moħbi, fis-satra tal-lejl, kienu jpoġġu t-tarbija, idawruha 'l ġewwa u tindaqq il-qanpiena. It-tarbija kienet tinġabar u jieħdu ħsiebha fl-isptar.


**Awguri**
lit-tim u d-diriġenti ta' Qormi FC
għas-suċċess miksub din is-sena
u li bih staġun ieħor
it-tim jilgħab Premier Division




**APAP CONFECTIONERY**
20, Correa Street, Qormi
Telephone: 2149 1506, 9920 8850
GATEAUX BY ORDER




COLORCARE



**New product / good quality/good price**
**9946 4597 / 9984 7596**
**2749 8197 / 2149 8197**